# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 5 ta' Frar 2018**

**Numru 3**

**Rikors numru 739/09 JA**

**Victoria Tabone u Myriam Chemel Testaferrata Abela**

**v.**

**Pawlu D'Anastas, Charles Galea u Joseph Galea**

**<u>Preliminari:</u>**

**1.** Dan huwa appell ad istanza tal-konvenuti mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Ottubru 2016, li permezz tiegħu qed jitolbu lil din il-qorti tħassar is-sentenza appellata fl-intier tagħha u dan taħt kull provvediment li din il-qorti jidhrilha xieraq u opportun; bl-ispejjeż kontra l-istess atturi appellati.

**2.** Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

> "Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-atturi fit-28 ta' Lulju 2009 li permezz tiegħu ġie premess:
>
> "Illi r-rikorrenti huma proprjetarji u qiegħdin fil-pussess ta' Palazzo Gomerino u l-irziezet u l-artijiet tal-Għemieri, fil-limiti tar-Rabat, Malta, inklużi l-istrutturi kollha u l-bjar u spieri ta' ilma ġieri li jinstabu fuq l-istess artijiet;
>
> "Illi l-intimati Pawlu D'Anastas, Charles Galea u Joseph Galea jokkupaw b'titolu ta' qbiela xi raba' li jifforma parti mill-artijiet tal-Għemieri, fil-limiti tar-Rabat, Malta, proprjetá tar-rikorrenti;
>
> "Illi fil-proprjetá tar-rikorrenti hemm spiera li minnha kienu jiġbdu l-ilma kemm ir-rikorrenti kif ukoll l-intimati u anke gabillotti oħra, fosthom ċertu Joseph Camilleri u Anthony Camilleri, dawn tal-aħħar s'intendi bil-kunsens tar-rikorrenti;
>
> "Illi fl-aħħar tax-xahar ta' Mejju ta' din is-sena, l-intimat jew min minnhom, b'mod abbużiv u llegali u mingħajr il-kunsens tar-rikorrenti, għalqu u mblukkaw l-ispiera li tinstab fil-proprjetá u l-pussess tar-rikorrenti billi fl-ewwel lok għamlu pjanċi tal-ħadid jew materjal ieħor ġewwa l-istess spiera b'mod tali illi la r-rikorrenti u lanqas Joseph Camilleri u Anthony Camilleri ma jistgħu jtellgħu ilma minn ġewwa l-istess kif ukoll, fit-tieni lok, billi għalqu l-entratura tal-mina illi tagħti għal din l-ispiera billi waħħlu xatba u katnazz;
>
> "Illi għalhekk, l-intimati jew min minnhom spoljaw bil-vjolenza u / jew bil-moħbi lir-rikorrenti mill-pussess tal-proprjetá tagħhom;
>
> "Illi għalkemm debitament interpellati sabiex jirrintegraw lill-esponenti, l-intimati baqgħu inadempjenti;
>
> "Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;
>
> "Illi dawn il-fatti l-esponenti tafhom personalment;
>
> "Għaldaqstant jgħidu l-intimati, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi, għaliex m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti:
>
> 1. "Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimati jew min minnhom spussessaw u spoljaw b'mod vjolenti u / jew klandestin lir-rikorrenti mill-pussess tal-ispiera hawn fuq imsemmija, u dana peress illi huma jew min minnhom b'mod abbużiv u llegali u mingħajr il-

kunsens tar-rikorrenti, għalqu u mblukkaw l-ispiera li tinstab fil-proprjetá u l-pussess tar-rikorrenti billi fl-ewwel lok għamlu pjanċi tal-ħadid jew materjal ieħor ġewwa l-istess spiera b'mod tali illi la r-rikorrenti u lanqas Joseph Camilleri u Anthony Camilleri ma jistgħu jtellgħu ilma minn ġewwa l-istess, kif ukoll fit-tieni lok, billi għalqu l-entratura tal-mina illi tagħti għal din l-ispiera billi waħħlu xatba u katnazz;

2. "Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex fi żmien qasir u perentorju illi jiġi lilhom prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti jirreintegraw lir-rikorrenti fil-pussess u dana billi jerġgħu jqegħdu kollox fl-istat ta' qabel ir-rikorrenti ma batew l-ispoll, u dana billi jagħmlu u jeżegwixxu l-azzjonijiet u x-xogħlijiet kollha neċessarji illi jiġu lilhom ordnati minn dina l-Onorabbli Qorti, inklużi t-tneħħija tal-ħadid, pjanċi jew materjal ieħor illi għamlu fl-ispiera kif ukoll bit-tneħħija tax-xatba u katnazz imwaħħal minnhom;

3. "Fin-nuqqas ta' adempiment min-naħa tal-intimati jew min minnhom, tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jieħdu dawk il-miżuri kollha u / jew jeżegwixxu dawk ix-xogħlijiet kollha neċessarji sabiex jieħdu lura l-pussess effettiv tal-proprjetá tagħhom, jekk ikun hemm bżonn taħt is-sorveljanza ta' perit nominat minn dina l-Onorabbli Qorti, kollox a spejjeż tal-intimati jew min minnhom, u skond kull direzzjoni jew ordni illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha illi jkun neċessarju jew opportun skond iċ-ċirkostanzi tal-każ;

"Bl-ispejjeż kontra l-intimati jew min minnhom, li huma minn issa stess inġunti in subizzjoni.

"Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

"Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti ppreżentata fit-18 ta' Settembru 2009 li permezz tagħha eċċepew:

1. "Illi preliminarjament għandha issir korrezzjoni fl-okkju tal-kawża billi wieħed mill-intimati jismu Carmelo magħruf bħala Charles Galea.

2. "Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

3. "Illi mhux minnu li l-intimati jew minn minnhom, għalqu u mblukkaw spiera billi għamlu pjanċi tal-ħadid jew materjal ieħor ġewwa l-istess spiera u għalqu l-entratura tal-mina illi tagħti għal din l-ispiera billi waħħlu xatba u katnazz.

4. "Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma insostenibbli billi ma jeżistux l-elementi rikjesti mil-liġi sabiex tirnexxi l-azzjoni ta' spoll tentata mir-rikorrenti billi mhuwiex minnu illi l-esponenti kkommettew spoll fil-konfront tar-rikorrenti.

5. “Illi x-xogħlijiet li għalihom saret referenza mir-rikorrenti fir-rikors promutur ma sarux fl-aħħar ta’ Mejju 2009 u lanqas fix-xahrejn preċedenti għall-intavolar tal-proċeduri odjerni.

6. “Illi r-rikorrenti qatt ma kellhom il-pussess tal-istrutturi tal-ispiera u l-entratura tal-mina illi tagħti għal din l-ispiera.

7. “Salvi kontestazzjonijiet ulterjuri.

“Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

“Rat l-affidavits preżentati mill-partjiet fosthom dawk tagħhom stess;

“Rat ir-rapport tal-A.I.C. Mario Cassar maħtur mill-Qorti biex jirrelata dwar it-talbiet attrici u debitament maħluf;

“Rat id-digriet tat-22 ta’ Ġunju 2016 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet għamlu t-trattazzjoni tagħhom;

“Ikkunsidrat:

“Illi kif jidher ċar mir-rikors promotur din hija kawża ta’ spoll. L-atturi qed isostnu illi l-konvenuti għalqu l-aċċess għall-ispiera msemmija fir-rikors promotur. Kif hu magħruf huma tlieta l-elementi rikjesti biex azzjoni ta’ spoll tirnexxi, u ċjoe:

1. “il-pussess – ***possedisse***;

2. “li l-azzjoni spoljattiva tkun saret bil-moħbi jew kontra l-volonta tal-attur – ***spoliatum fuisse***; u

3. “li l-azzjoni issir fi żmien xahrejn minn meta jkun seħħ l-ispoll – ***infra bimestre deduxisse***.

“Illi l-konvenuti qed jikkontestaw li huma kkommettew spoll u dan billi ma jissussistux l-elementi biex l-azzjoni ta’ spoll tirnexxi; jikkontestaw li l-atturi kellhom il-pussess in kwistjoni u li f’kull każ l-azzjoni attrici ġiet intavolata ferm wara x-xahrejn imsemmija mill-liġi (artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili) minn meta sar l-allegat spoll.

“Illi fil-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta’ Mejju 1956 fl-ismijiet **“Vincenzina Cassar et vs Annetto Xuereb Montebello”** ingħad illi:

> “*“Il-ġurisprudenza tat-Tribunali tagħna dejjem kienet kostanti fl-interpretazzjoni ta’ dawn il-liġijiet, fis-sens li l-azzjoni ta’ spoll hija ‘di ordine pubblico’, unikament u esklussivament intiża biex timpedixxi*

*li wieħed jagħmel ġustizzja b'idejh mingħajr l-intervent tat-tribunal ċivili u tipprevjeni l-konsegwenzi deplorevoli ta' aġir simili. Għalhekk il-liġi tivvjeta l-allegazzjoni ta' kwalsiasi eċċezzjoni li ma tkunx dilatorja kontra r-reintegrazzjoni u tiċċirkoskrivi l-eżami tal-Qorti għall-fatt biss tal-pussess u tal-ispoll denunzjat. Ir-reintegrazzjoni għandha dejjem tiġi ordnata mill-Qorti, kwantunkwe l-pussess jista' jkun vizzjat u min jikkommetti l-ispoll ikun il-veru proprjetarju tal-ħaġa li minnha l-possessur tagħha jkun ġie spoljat."*

"Illi f'din is-sentenza l-Qorti ċċitat sentenza riportata fil-**Volum XXXIII-ii-83** illi rriteniet *"che la reintegrazione dovra' essere dalla Corte ordinate, comunque viziato possa essere il possesso dell' attore, comunque il citato possa essere il vero propietario della cosa di cui l' attore avesse sofferto lo spoglio; sicche' l' indagine intormo alla legittimita' del possesso, da farsi in altra sede, tornerebbe oziosa in questo giudizio ..."*

"Illi fis-sentenza **"Delia vs Schembri"** (deċiża mill-Prim Awla fl-4 ta' Frar 1958) ġie ritenut illi:

"*"L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipproteġi l-pussess, ikun x'ikun ... li jiġi vjolentement jew okkultament meħuda mingħand il-possessur jew detentur, u ġie deċiż kemm-il darba li tapplika wkoll għat-tutela tal-kważi pussess tad-drittijiet legali u hija inerenti għall-fatt ta' min b'awtoritá privata ... jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li għalkemm jista' jkollu dritt għalih ma jistax jeżerċitah mingħajr intervent tal-Qorti."*

"Illi fi kliem **Pacifici Mazzoni** spoll vjolent huwa *"qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato"*. (Vol III Sez. 52).

"Illi kif ukoll intqal fil-kawża **"Margherita Fenech vs Pawla Zammit**" deċiża fit-12 ta' April 1958:

"*"L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esiġenzi ta' utilita' soċjali milli fuq il-prinċipju assolut ta' ġustizzja hija eminentement intiża l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jiġi impedut liċ-ċittadin privat li jieħu l-liġi f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak li jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat."*

"Illi wieħed isib ukoll fis-sentenza fl-ismijiet ***"Cardona vs Tabone"*** – deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Marzu 1992) illi:

"*"Kif kellha okkażjoni tesprimi ruħha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indaġini li trid issir hija waħda limitatissima, rigoruża u skarna, u ma tinsab f'ebda leġislazzjoni oħra, u kompliet tgħid illi għalhekk indaġinijiet ibbażati fuq x'jgħidu u ma jgħidux ġuristi u awturi Franċiżi u Taljani huma għal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament ġuridiku tagħna ..."*

"Illi l-**atturi** ppreżentaw tlett affidavits fejn fost affarijiet oħra Anthony Tabone kien qal illi:

""*1. Jiena r-raġel tal-attriċi Victoria Tabone li hija flimkien ma' oħtha, Myriam Chemel, huma l-proprjetarji ta' artijiet tal-Għemieri li jinkludu d-dar ta' Gomerino fil-limiti tar-Rabat.*

*2.* "*Ngħid ukoll illi aħna mmorru noqogħdu hemmhekk għal sitt xhur f'sena u b'mod partikolari April, Mejju, Awissu, Settembru, Diċembru u Jannar.*

*3.* "*Ilna mmorru hemmhekk minn meta kelli sittax-il sena, jiġifieri madwar sebgħa u erbgħin sena.*

*4.* "*Ngħid illi l-proprjetá hija vasta, tinkludi ħafna artijiet li xi ftit minnhom jinħadmu jew kienu jinħadmu mill-konvenuti Pawlu D'Anastas, Carmelo Galea u Joseph Galea.*

*5.* "*Fir-rigward tal-ispiera illi tinstab mal-bitħa ta' Joseph u Grace Camilleri, ngħid illi din minn dejjem kienet hemmhekk u kienet għall-użu komuni tal-persuni kollha illi kienu jaħdmu jew joqogħdu fil-proprjetá in kwistjoni. B'hekk kienet fil-proprjetá u fil-pussess tagħna.*

*6.* "*Reċentament, għall-ħabta ta' April 2009, li ġara huwa illi ġie Joseph Camilleri, is-sid tal-bitħa fejn tinstab l-ispiera in kwistjoni, u nfurmana illi ma setax itella' ilma mill-bokka għaliex saret pjanċa fil-qiegħ.*

*7.* "*Dwar din il-kwistjoni jiena kellimt lil Charles Galea, il-konvenut, u flimkien ma' marti għidtlu biex ineħħi l-pjanċa minn hemm u huwa weġibni illi l-ilma għandu bżonnu għall-ħajja tagħhom u ma kienx bi ħsiebu jneħħiha. Qalli wkoll illi skond hu la Joseph Camilleri u lanqas aħna ma kellna dritt intellgħu l-ilma.*

*8.* "*Wara reġa' ġie Joseph Camilleri u avżana illi neħħa l-pjanċa u għalhekk stajna ntellgħu l-ilma liberament.*

*9.* "*Sussegwentament u ngħid illi għall-aħħar ta' Mejju 2009, ġie Joseph Galea u qal lili u lill-mara illi huma reġgħu daħlu fil-mina li tiġi taħt l-ispiera u għalqu żewġ spieri, waħda minnhom dik in kwistjoni billi tqiegħdet xibka fil-qiegħ tal-ispiera.*

*10.* "*Reġa' ġie Joseph Galea wara ftit imma fl-aħħar jiem ta' Mejju 2009, u qalli illi għamlu grada fil-bokka tal-mina ta' taħt l-ispiera.*

*11.* "*Jiena tlabtu ċavetta u qalli "issa nsaqsihom biex jagħtuk waħda". Meta wara jiena tlabtu ċ-ċavetta huwa qalli "ma jridux ituhielek u jekk ikollkom bżonn tidħlu staqsu lilna".*

*12.* "*Dwar din il-mina naf illi minn dejjem kienet miftuħa u aċċessibbli għal kulħadd u illi l-mara tiegħi ġieli daħlet hemm anke reċentament mal-Professur Keith Buhagiar.*

13. "*Imbagħad naf illi saret din il-kawża anqas minn xahrejn wara illi saret ix-xibka fil-qiegħ tal-ispiera u l-grada fil-bokka tal-mina għaliex jiena u l-mara morna ħadna parir u ġejna avżati illi ridna mmexxu bil-kawża f'anqas minn xahrejn minn meta saru dawn l-atti għad-detriment tal-pussess tagħna."*

"Illi min-naħa tiegħu Joseph Camilleri qal hekk:

"*"1. Jiena, flimkien ma' marti Grace, noqgħod fid-dar bl-isem Kikki's cottage ġewwa l-Għemieri, Rabat, Malta fi proprjetá ta' Victoria Tabone u Myriam Chemel.*

2. "*Jiena niġi n-neputi ta' Pawlu D'Anastas u Carmelo Galea huwa parrinu tal-griżma tiegħi.*

3. "*Fil-ħajt tal-bitħa tar-residenza tiegħi, hemm spiera u din ilha hemmhekk għal ħafna snin tant illi jien minn dejjem hemm nafha.*

4. "*Din l-ispiera tintuża minn dejjem mir-residenti u l-bdiewa li joqogħdu maġenbha sabiex għall-użu tad-dar u biex jinħaslu l-ħwejjeġ, jinħaslu n-nies u għax-xorb kemm tan-nies kif ukoll tal-bhejjem.*

5. "*Din minn dejjem kienet aċċessibbli anke għas-sinjura Tabone u għas-Sinjura Chemel mingħajr indħil u ostakoli.*

6. "*Xi snin ilu kont mort biex intella' l-ilma bil-barmil mill-ispiera u l-barmil ħabat ma' xi ħaġa, ma setax jinżel. Meta vverifikajt bid-dawl minn fuq sibt illi kien hemm pjanċa. Kellimt liz-ziju Pawlu D'Anastas u qalli li dik kien għamilha ċertu Karmnu Muscat, ir-raġel tat-tifla tiegħu, għaliex il-ġebel ta' fuq tal-ispiera kien qiegħed jitmermer u beża' li jaqa' l-ġebel u jgħalqilhom l-ilma li jinżel għall-ġiebja.*

7. "*Jiena għidtlu illi xi darba nirranġa u nkaħħal il-ġebel u mbagħad inneħħu l-pjanċa u qalli iva. Peress li dak iż-żmien kelli ħafna xogħol jien ma kaħħaltx mill-ewwel iżda x-xogħol ta' tikħil għamiltu għall-ħabta ta' Frar 2009 u wara erġajt mort inkellem liz-ziju sabiex ineħħi l-pjanċa. Għidtlu wkoll li nixtieq nagħmel "hoist"minflok il-ħabel u dana għar-raġuni illi kelli dahri juġagħni. Pawlu D'Anastas qalli li "hoist" ma nistax nagħmel għaliex kulma għandi huwa dritt li ntella' bil-ħabel biss. Qalli wkoll li r-raba' ma għadux jaħdmu u qiegħed jaħdmu Karmnu Muscat u jekk jarah jgħidlu jneħħi l-pjanċa.*

8. "*Għaddew xi ħmistax u peress illi l-pjanċa kienet għadha ma tneħħietx, dħalt fil-mina ta' taħt l-ispiera u neħħejt il-pjanċa jiena stess u hekk stajt intella' l-ilma.*

9. "*Wara ftit erġajt mort intella' u erġajt sibt pjanċa li twaqqafni milli ntella' l-ilma. Infurmajt lil Victoria Tabone kif ukoll lil Myriam Chemel u kellimt ukoll lil Carmelo Galea – li skond huwa kelli biss*

*id-dritt illi ntella' barmil biex nixrob; lil ċertu Pawlu Micallef – li jaħdem xi għelieqi hemmhekk; lil Joseph Galea – illi qalli li għalih nista' ntella' iżda biex ma jiġġilidx ma' l-oħrajn ingħaqad magħhom.*

*10. "Is-sitwazzjoni baqgħet kif kienet.*

*11. "Wara illi tkellimt mas-sidien tal-post erġajt dħalt inneħħi l-pjanċa biex inkun nista' ntella' l-ilma.*

*12. "Darba – dejjem fis-sena 2009 – kont qiegħed intella' l-ilma u għadda Carmelo Galea u beda jgħajjat, qalli li jieni ma nistax insaqqi l-għalqa u kulma għandi dritt għal barmil ilma bil-ħabel.*

*13. "Wara ftit erġajt sibt xibka fil-qiegħ tal-ispiera u erġajt ma nistax intella' l-ilma. Twaħħlet ukoll grada tal-ħadid b'mod illi ma nistax nidħol fil-mina ta' taħt l-ispiera. Dan kien fl-aħħar ġranet ta' Mejju 2009. B'hekk l-aċċess għall-ispiera u għall-ilma li qabel kien liberu ġie mċaħħad.*

*14. "Jiena kont mort għand l-avukat tiegħi Toni Abela illi għamel kwerela u ttieħdu passi u mill-pulizija quddiem il-Maġistrat Consuelo Scerri Herrera fejn Carmelo Galea instab ħati tar-reat ta' ragion fattasi iżda nfurmat illi ġie ppreżentat appell.*

*15. "Nixtieq inżid ukoll illi f'Ġunju 2009 kont iltqajt ma' Karmnu Muscat fil-passaġġ tal-għalqa ġewwa l-Għemieri. Huwa beda jgħajjat miegħi u qalli biex noqgħod attent u ma noqgħodx niġġakbina mas-sinjura għax jekk intelliflu ħobżu ħażin ikun għalija."*

"Illi l-**konvenut Carmelo Muscat** ippreżenta affidavit a fol 100 fejn qal hekk:

"*"Jiena miżżewweġ lit-tifla ta' Pawlu D'Anastas u bdejt naħdem ir-raba' li għandu fl-Għemieri madwar tletin sena ilu meta dan irtira. Meta ħadt f'idejja r-raba' kont waħħalt pjanċa sabiex inwaqqaf il-ġebel u l-ħmieġ li kien jidħol mill-bokka li kienet tagħti għat-triq.*

"*Matul dan iż-żmien qatt ma kien hemm problemi mal-bdiewa li kienu jagħmlu użu mil-ilma. F'April tas-sena 2009 wieħed mill-bdiewa kien infurmani illi Joseph Camilleri kien beda jtella' l-ilma u li kien qed jippretendi li għandu dritt jagħmel dan. Jiena dħalt fil-mina u rajt illi xi ħadd kien qala' l-pjanċa li kont għamilt tletin sena ilu u rġajt waħħalt il-pjanċa.*

"*Ftit ġranet wara erġajt dħalt ġol-mina biex nara x'kien qed jiġri u rġajt sibt il-pjanċa maqlugħa.*

"*Għalhekk xi jumejn wara mort u xtrajt katnazz u tliet ċappetti sabiex nagħmel grada u ma terġax tinqala' l-pjanċa. Infaqt €24 u xtrajthom mill-ħanut li bl-isem M.A.V. Supplies li jinsab l-Imġarr fil-2l ta' April 2009. (Dok 'CG2').*

> "*Jiena waħħalt il-pjanċa u l-grada għad-dħul fil-mina bil-katnazz fl-l ta' Mejju 2009. Jiena ċert minn dina d-data għaliex niftakar illi kienet festa. L-għada tajt ċavetta tal-katnazz tal-grada li kont waħħalt lil Carmelo Galea. Wara ftit taż-żmien dan tahieli lura għaliex ma kellux x'jagħmel biha. Ħadd iżjed ma għandu ċavetta tal-grada.*
>
> "*Ħadd ma talabni biex ineħħi l-pjanċa u jiena għamilt dawn ix-xogħlijiet minn jeddi għaliex ridt inkun żgur li l-affarijiet jibqgħu kif kienu tletin sena ilu mingħajr inkwiet."*

"Illi mid-depożizzjonijet jidher ċar li fil-fatt l-azzjoni lamentata mill-atturi seħħet u *ex admissis* għamilha Carmelo Muscat biex jibbenefika lil ħatnu Pawlu D'Anastasi u lill-konvenuti Galea. Kwindi dawn kienu evidentement jafu b'dak li se jagħmel u fil-fehma tal-Qorti awtorizzawh jagħmilha. Mhijiex għalhekk skużanti għalihom bħala difiża f'din l-azzjoni li l-fatt materjali ma għamluhx huma.

"Illi l-kwistjonijiet dibattibbli allura huma tnejn: jekk l-atturi bħala sidien li jikru l-proprjetá humiex possessuri; u jekk l-azzjoni saritx *entro* t-terminu ta' xahrejn.

"Illi fil-kawża **"Lanfranco vs Fal-Con Limited"** deċiża fid-19 ta' Jannar 2009 intqal illi:

> "*"Semmai jista' jsir l-argument li bħala sidien ma kellhomx il-pussess għax normalment is-sid ma jkunx fil-pussess materjali tal-oġġett mikri. Madankollu fil-kawża deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-1967 fl-ismijiet **"Vella vs Boldarini"** l-attrici kienet irnexxiet fil-kawża tagħha bħala sid fil-konfront tal-istess inkwilini, u dan għaliex il-fatt li s-sid ikun qed jirċievi kera (jew il-qbiela f'dan il-każ) hija mingħajr dubju ta' xejn manifestazzjoni esterna ta' pussess. "Il possesso e' definito ... come un potere sulla cosa che si manifesta in un' attivita' corrispondente all'esercizio del diritto di propieta' o din un altro diritto reale" – **Trabucchi (Istituzione di Diritto Civile** – paġna 455**)**. **Torrente** (**Manuale di Diritto Privato – 1985**) jgħid illi "La detenzione – che e' la situazione possessoria base – consiste nell' avere la disponibilta' di una cosa, ossia nell' avere la disponibilita' di utilizzarla tutte le volte che si voglia, senza bisogna di superare ostacoli seri u duraturi …" Għalhekk ma jibqa' ebda dubju li l-atturi kienu pussessuri tal-proprjetá in kwistjoni fis-sens legali tal-pussess kif spjegat fil-Kodiċi Ċivili stess fl-artikoli 524 et sequitur."*

"Illi din il-Qorti hija tal-fehma li dan ir-raġunament japplika wkoll għall-azzjoni ta' spoll u għalhekk l-atturi għandhom il-pussess indikat.

"Illi l-kwistjoni deċisiva hija għalhekk jekk il-kawża ġietx intavolata *entro* x-xahrejn rikjesti mil-liġi. Kif jidher mid-depożizzjonijiet tal-partijiet, dawn taw verżjonijiet differenti li naturalment jaqblu lil dik il-parti li tatha.

"Illi kif intqal fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet **"Trevor Arends vs Veronique Mizzi** (deċiża fil-11 ta' Jannar 2013):

> "*"Ir-rekwiżit li l-azzjoni ta' spoll għandha ssir fi żmien xahrejn mill-allegat spoll huwa rekwiżit essenzjali li joħroġ mill-artikolu tal-liġi stess, u l-ġudikant għandu jkun sodisfatt li dan jissussisti indipendentement minn jekk jitqajjimx fl-eċċezzjonijiet jew le. Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **"Alfred Paul Farrugia nomine vs Peter Paul Cutajar"** (deċiża fit-13 ta' Frar 2004) irriteniet illi "Dan huwa terminu ta' dekadenza estintiva tal-azzjoni ta' spoll, fis-sens li jekk ma jiġix pruvat li l-azzjoni saret fi żmien xahrejn mid-data tal-att spoljattiv allura l-azzjoni ta' spoll privileġġjat ma tistax treġġi." Aktar speċifikatament fil-kawża **"Georgina Borg vs Errol Cassar et"** (deċiża fil-21 t'Ottubru 2002) il-Prim' Awla dwar it-terminu ta' xahrejn f'azzjoni ta' spoll qalet illi: "Huwa veru li dan il-punt ma ġiex formalment eċċepit, kif normalment u ġuridikament wieħed kien jistenna in bażi għal dak provdut fl-Artikolu 728 tal-Kap 12. B'danakollu t-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduċi l-pretensjoni tiegħu huwa element essenzjali ta' din l-azzjoni li jeħtieġ li jiġi konkludentement pruvat mill-attur."*

"Illi huwa stabbilit ukoll li x-xahrejn jibdew għaddejjin minn meta jseħħ l-ispoll u mhux minn meta l-attur jinduna bih. Kif ingħad fis-sentenza **"Mamo vs Grima"** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Frar 1958, meta l-Qorti jkollha verżjonijiet kontrastanti trid għalhekk tiddeċiedi fuq il-preponderanza tal-provi.

"Illi kif ritenut ukoll fil-kawża **"Zammit vs Petroccochino"** Appell Kummerċjali deċiż fil-25 ta' Frar 1952: *"F'ġudizzju ċivili l-Qorti trid tiddeċiedi fuq il-preponderanza tal-probabbiltajiet"*. Il-Qorti allura jeħtieġ li tara jekk verżjoni waħda teskludix lill-oħra fuq bilanc ta' probabbiltajiet. ... *"B'hekk jiġi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubju u ssib refuġju mir-regola 'in dubio pro reo"* kif ingħad fis-sentenza **"Enrico Camilleri vs Martin Borg"** (Appell Inferjuri deċiż fis-17 ta' Marzu 2003).

"Illi f'din il-kawża, il-Qorti tara kontradizzjoni bejn dak li l-konvenuti ddikjaraw fir-risposta tagħhom u dak li rriżulta mill-provi. Infatti filwaqt li huma inizjalment ċaħdu li kkommettew l-att spoljattiv, irriżulta *invece* li huma stess ammettew li kienu huma li għamlu l-grada biex jimpedixxu lil ħaddieħor biex jidħol jieħu l-ilma. Dan għalhekk itebba' l-kredibilta' tagħhom u jwassal lil-Qorti biex tilqa' t-talbiet attriċi. Dan *eccetto* għall- konvenut D'Anastasi li huwa anzjan b'etá 'l fuq minn disgħin sena u li ma kellu ebda sehem fl-ispoll.

"**DEĊIŻJONI**

"**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tillibera lill-konvenut Pawlu D'Anastas mill-osservanza tal-ġudizzju, tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-**

**konvenuti l-oħra, u tilqa' t-talbiet attriċi fl-intier tagħhom; għall-fini tat-tieni u t-tielet talba tipprefiġġi terminu ta' xahar, u tordna li x-xogħlijiet isiru taħt is-sorveljanza ta' A.I.C. Mario Cassar li qed jiġi nominat għal dan il-għan.**

"**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-konvenuti Charles Galea u Joseph Galea**".

**Rikors tal-appell tal-konvenuti Pawlu D'Anastas, Charles Galea u Joseph Galea (27.10.2016)**

**3.** L-imsemmija konvenuti ħassewhom aggravati bid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti u għalhekk interponew dan l-appell minnha. Huma jilmentaw illi l-ewwel Qorti għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi meta ddikjarat li l-atturi sofrew spoll u li għal tali spoll kienu jaħtu l-konvenuti Charles Galea u Joseph Galea. Il-konvenut l-ieħor Pawlu D'Anastas ġie liberat in vista tal-fatt li hu anzjan ta' 'l fuq minn disgħin sena u li ma kellu l-ebda sehem fl-ispoll. L-aggravji tagħhom jistgħu jiġu sintesizzati kif ġej:

*L-ewwel aggravju: l-element tal-pussess*

**4.** Il-konvenuti appellanti jsostnu li dan l-element ma ġiex ipprovat mill-atturi. Jgħidu li l-attriċi Victoria Tabone, kontro-eżaminata xehdet li kien fl-antik li tellgħet l-ilma, u li lanqas oħtha l-attriċi l-oħra ma tellgħet xi ilma riċentement. Għalhekk jargumentaw illi dan huwa prova ċara li l-atturi ma kellhomx il-pussess tal-oġġett mertu tal-kawża qabel ma

twettaq l-att allegatament spoljattiv.

**5.** Hassewhom aggravati bil-fatt li l-ewwel Qorti rreferiet għad-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivil fid-19 ta' Jannar 2009 fil-kawża fl-ismijiet **Lanfranco v. Fal-con Ltd** fejn kien ġie ritenut illi s-sidien xorta waħda jitqiesu li għandhom il-pussess ta' fond li jkun mikri. Jaċċennaw għall-fatt li tali kawża kienet tirrigwarda l-*actio manutentionis* u mhux l-*actio spolii* u għalhekk isostnu li dan l-insenjament m'għandux applikabilita` għall-każ odjern. Isostnu li f'kawża ta' spoll l-atturi jridu jipprovaw il-pussess materjali. Jargumentaw illi meta sid jirċievi l-qbiela, din hija espressjoni ta' proprjeta` mhux ta' pussess.

*It-tieni aggravju: l-element tax-xahrejn*

**6.** Fit-tieni aggravju tagħhom jargumentaw illi l-atturi appellati naqsu milli jipprovaw li intavolaw il-kawża entro x-xahrejn mid-data tal-att lamentat minnhom. Jaċċennaw għall-fatt li Carmelo Mifsud xehed illi l-att lamentat mill-atturi għamlu hu fl-1 ta' Mejju 2009, u li ta' dan ġab prova inkonfutabbli ta' meta xtara l-materjal u l-katnazz in kwistjoni. Iżidu jgħidu li hija irrilevanti d-data meta l-atturi saru jafu bl-ispoll (li skont l-atturi kien fl-aħħar ta' Mejju 2009) għaliex it-terminu ta' xahrejn jiddekorri mill-att spoljattiv u mhux minn meta dak li jkun ikun induna bih.

**7.** Jilmentaw illi minkejja li l-ewwel Qorti għamlet riferenza għall-ġurisprudenza fir-rigward ta' dan l-element, fir-*ratio* tagħha, effettivament ma kkonsidratx jekk l-atturi fil-fatt ipprovawx dan l-element jew le.

*It-tielet aggravju: kontra min għandha tkun diretta l-actio spolii*

**8.** Fit-tielet aggravju tagħhom jaċċennaw għall-fatt li x-xhud Carmelo Muscat ammetta bl-aktar mod ċar illi l-atti lamentati mill-atturi wettaqhom hu fl-1 ta' Mejju 2009 u jsostnu li għalhekk l-azzjoni kellha tkun diretta lejh. Iħossuhom aggravati bir-raġjonament tal-ewwel Qorti in kwantu rriteniet illi għalkemm il-konvenuti ma wettqux l-atti, għandhom iwieġbu għalihom għaliex saru a benefiċċju tagħhom. Jgħidu li tali argument huwa legalment insostenibbli. Jargumentaw illi l-fatt li wara l-akkadut Carmelo Muscat tahom kopja taċ-ċavetta ma jfissirx li huma kienu komparteċipi.

**9.** Iżidu jgħidu illi jekk skont l-ewwel Qorti l-konvenuti Charles u Joseph Galea kienu responsabbli għall-ispoll għaliex sar a benefiċċju tagħhom, allura bl-istess mod kellha ssib lil Pawlu D'Anastas responsabbli wkoll, u mhux tilliberah abbażi tal-fatt li għandu disgħin sena u li ma kellu l-ebda sehem fl-ispoll.

*Ir-raba' aggravju*: *il-kumment finali tal-qorti dwar il-kontradizzjoni bejn dak li ddikjaraw il-konvenuti fir-risposta tagħhom, u dak li jirriżulta mill-provi.*

**10.** Finalment jaċċennaw għall-kumment tal-ewwel Qorti meta qalet li hemm kontradizzjoni bejn dak li huma ddikjaraw fir-risposta tagħhom, u dak li jirriżulta mill-provi. Hija qalet hekk:

> "*In fatti filwaqt li huma inizjalment ċaħdu li kkommettew l-att spoljattiv, irriżulta inveċe li huma stess ammettew li kienu huma li għamlu grada biex jimpedixxu lil ħaddieħor biex jidħol jieħu l-ilma. Dan għalhekk itebba' l-kredibilita` tagħhom u jwassal lill-Qorti biex tilqa' t-talbiet attriċi….*".

**11.** Huma pero` jsostnu li mhux minnu li hemm kontradizzjoni in atti. Jgħidu li huma ċaħdu li wettqu l-att allegatament spoljattiv kemm fir-risposta tagħhom u kif ukoll tul il-proċeduri. Jenfasizzaw li dejjem kienet it-teżi tagħhom li huma ma għamlu xejn minn dak allegat, u li kien invece Carmelo Muscat li għamel ix-xogħlijiet li l-atturi jilmentaw minnhom.

**Risposta tal-appell tal-atturi appellati (17.11.2016)**

**12.** L-atturi appellati wieġbu biex jgħidu għaliex l-appell għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellanti.

*Preġudizzjali: in kwantu appella l-konvenut Pawlu D'Anastas*

**13.** Qabel ma jirrispondu għall-aggravji tal-konvenuti appellanti, l-atturi jgħidu li l-appell odjern ġie interpost mill-konvenuti kollha, inkluż Pawlu D'Anastas, li fil-fatt ġie liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Jargumentaw illi ġia ladarba D'Anastas ġie liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, huwa ċertament m'għandu l-ebda interess ġuridiku biex jinterponi dan l-appell, u għalhekk, in kwantu interpost minnu, l-appell għandu jiġi miċħud.

*Dwar l-ewwel aggravju: li l-element tal-pussess ma jirriżultax*

**14.** L-atturi appellati jsostnu li kontrarjament għal dak argumentat mill-konvenuti appellanti, l-element tal-pussess jirriżulta ampjament provat lil hemm minn kull dubju.

**15.** Fl-ewwel lok jaċċennaw għax-xhieda tas-segwenti persuni li kollha kkonfermaw li kellhom il-pussess effettiv tal-ispiera u tal-mina:

(i) l-attriċi Victoria Tabone li fir-rigward tal-ispiera (li l-bokka tagħha tinsab fil-bitħa tad-dar li l-atturi jikru lil Joseph u Grace Camilleri) qalet li l-fakolta` li huma (l-atturi) itellgħu l-ilma mill-ispiera fil-bitħa mikrija lil ta' Camilleri kienet ilha minn dejjem – minn mindu hija kienet tifla, sa issa li

għandha sittin sena; u fir-rigward tal-mina li tagħti għall-ispiera, tirrakkonta li kienet qabbdet lil terza persuna (ċertu Dr Keith Buhagiar) espert fl-ilma, sabiex jagħmel studju fuq *underground water sources,* u dan f'April 2009 kien daħal fil-mina u kien qalilha li kellu jġib robot u jagħmel studju bih, iżda meta l-mina ingħalqet bil-grada fl-aħħar ta' Mejju 2009 kellu jissospendi x-xogħol;

(ii) l-attriċi Myriam Chemel Testaferrata Abela, li qalet li l-mina kienet miftuħa u aċċessibbli għal kulħadd;

(iii) Anthony Tabone (ir-raġel -defunt- tal-attriċi Victoria Tabone), li fir-rigward tal-ispiera qal li din minn dejjem kienet għall-użu komuni tal-persuni kollha li kienu jaħdmu jew joqgħodu fil-proprjeta` in kwistjoni u li b'hekk kienet fil-proprjeta` u fil-pussess tagħhom; u fir-rigward tal-mina qal li jaf li din minn dejjem kienet miftuħa u aċċessibbli għal kulħadd, u li riċentement martu Victoria kienet effettivament daħħlet lill-Professur Keith Buhagiar;

(iv) Joseph Camilleri, li qal li l-ispiera minn dejjem tintuża mir-residenti u l-bdiewa li joqgħodu ma' ġenbha għall-użu tad-dar u għall-ħasil tal-ħwejjeġ u tan-nies, u għax-xorb tan-nies u tal-bhejjem, u li kienet aċċessibbli anke għall-atturi mingħajr indħil.

**16.** Fit-tieni lok jargumentaw illi fi kwalunkwe każ anke *qua* sidien tal-kera għandu jitqies li kellhom il-pussess tramite l-kerrejja. Isostnu li kienet korretta l-ewwel Qorti meta rreferiet għall-insenjament tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **Lanfranco v. Fal-con Ltd** anke jekk tali kawża kienet tirrigwarda l-*actio manutentionis*, għaliex kemm f'kawża ta' spoll kif ukoll f'kawża ta' manutenzjoni tal-pussess trid issir il-prova tal-pussess.

*Dwar it-tieni aggravju: li l-element tax-xahrejn ma jirriżultax*

**17.** F'dan ir-rigward iwieġbu li l-konvenuti mhux qed jagħmlu riferenza ġenwina għall-provi bl-għan li jipprovaw jiżvijaw.

**18.** Jirreferu għax-xhieda tas-segwenti persuni:

- Victoria Tabone, fejn fir-rigward tax-xatba li taqħlaq l-aċċess għall-mina qalet li kien f'"Mejju" qabel ma telqu mill-Palazzo Gomerino, li l-konvenut Joseph Galea kien infurmaha li għamlu tali xatba u li kien qalilha li ser jgħaddilha ċ-ċavetta tagħha, iżda mbagħad ġara li l-konvenuti l-oħra ma riedux; u fejn fir-rigward tal-ispiera qalet li kienet taf bil-pjanċa li kienet tqegħdet għall-aħħar ta' April, iżda din imbagħad tneħħiet u kienet tpoġġiet oħra fl-aħħar ta' Mejju;

- Anthony Tabone, fejn qal li għall-aħħar ta' Mejju 2009 kien ġie l-konvenut Joseph Galea jinformahom li kienu qegħdu xibka fil-qiegħ tal-ispiera, u li "*wara ftit imma fl-aħħar jiem ta' Mejju 2009*" kien reġa' mar ikellmu u qallu li għamlu grada fil-bokka tal-mina ta' taħt l-ispiera;

- Joseph Camilleri, fejn qal fl-aħħar ta' Mejju 2009 kien sab ix-xibka fil-qiegħ tal-ispiera u l-grada li għalqet l-aċċess għall-mina ta' taħt l-ispiera.

**19.** Għalhekk isostnu li l-atti spoljattivi saru fl-aħħar jiem ta' Mejju 2009, u dan kif il-konvenuti stess (jew min minnhom) kienu avżawhom.

**20.** Oltre dan jitfgħu f'dubju l-kredibbilita` ta' Carmelo Muscat (li jsostni li l-għemil spoljattiv wettqu hu nhar l-1 ta' Mejju 2009). Dwar ir-riċevuta tal-21 ta' April 2009 rigwardanti l-katnazz u ċ-ċappetti (li mhix konfermata bil-ġurament) jargumentaw illi l-oġġetti mixtrija mhux bil-fors li ntużaw għax-xatba, u li anke jekk effettivament intużaw għall-grada, ir-riċevuta mhix prova ta' meta fil-fatt twaħħlet ix-xatba. Jgħidu wkoll li mhix verosimili l-verżjoni ta' Muscat li x-xatba kien għamilha b'ħadida msadda li kien sab, għaliex fil-fatt tidher li saret minn ħaddied tas-sengħa. Inoltre jgħidu li anqas hu verosimili li xatba bħal dik inġarret u twaħħlet minn persuna waħda. Barra dan jgħidu li ma hux veru dak li jgħid Carmelo Muscat li kien għadda lill-konvenut Carmelo Galea ċ-

ċavetta tal-grada u li dan tahielu lura għax ma kellux x'jagħmel biha.

*Dwar it-tielet aggravju: li l-azzjoni kellha tkun kontra Carmelo Muscat*

**21.** L-atturi appellati jgħidu li dan l-aggravju mhux biss huwa infondat iżda saħansitra jirrażenta l-fieragħ. Jaċċennaw għax-xhieda ta' Victoria u Anthony Tabone fejn qalu li kien il-konvenut Joseph Galea li informahom li kien għamel ix-xatba flimkien ma' oħrajn. Jaċċennaw ukoll għax-xhieda tal-konvenut Carmelo Galea fejn qal li l-grada ma kienx għamilha hu "biss" u li kien fetaħ waqt l-aċċess għaliex kienu tawh iċ-ċavetta. Għaldaqstant isostnu li kemm Joseph Galea u kif ukoll Carmelo Galea kienu komparteċipi fl-att spoljattiv: u jagħmlu riferenza għax-xhieda ta' Carmelo Muscat fejn qal li kien wettaq l-atti lamentati mill-atturi għall-ġid ta' sħabu Joseph Galea u Carmelo Galea. Finalment jgħidu li kellha raġun l-ewwel Qorti tikkonkludi li huma t-tnejn ikkommettew l-att spoljattiv u fih huma wkoll kompliċi salv għall-kunsiderazzjoni fil-konfront ta' Pawlu D'Anastas.

**Sfond**

**22.** L-atturi (li huma aħwa) isostnu li huma proprjetarji u qegħdin fil-pussess ta' Palazzo Gomerino u l-irziezet u l-artijiet tal-Għemmieri, fil-

limiti tar-Rabat (Malta) inkluż l-istrutturi kollha u l-bjar u spieri ta' ilma ġieri li jinsabu fuq l-istess artijiet.

**23.** Huma jabitaw fil-Palazzo xahrejn xahrejn b'mod alternat, cioe` Victoria Tabone tmur f'April-Mejju, Awwissu-Settembru, Diċembru-Jannar, filwaqt li oħtha Myriam Chemel Testaferrata Abela tmur fix-xhur l-oħra.

**24.** Il-konvenuti jokkupaw b'titolu ta' qbiela xi għelieqi li jifformaw parti mill-artijiet fl-Għemmieri.

**25.** Ċertu Joseph u Grace Camilleri jikru l-post "*Kikki's Cottage*"[1] li tinsab l-Għemmieri wkoll. L-ispiera in kwistjoni[2] li minnha jgħaddi l-ilma ġieri tinsab fil-bitħa ta' "*Kikki's Cottage*".

**26.** Skont l-atturi minn din l-ispiera jiġbdu l-ilma kemm huma (l-atturi), u kif ukoll gabillotti oħra, fosthom il-konvenuti u wkoll Joseph Camilleri u Anthony Camilleri.

**27.** Iktar 'l isfel fil-art in kwistjoni hemm mina mqatta' fil-blat[3] li minnha wieħed jista' jaċċedi għall-imsemmija spiera.

---

[1] ritratt tagħha jinsab a fol 59
[2] l-ispiera hija indikata fuq ir-ritratti ta fol 59 u fuq ir-ritratt fuq ix-xellug ta' fol 60
[3] ritratt tal-mina jinsab a fol 61

**28.** L-atturi għamlu din il-kawża ta' spoll għaliex qed jallegaw illi "*fl-aħħar tax-xahar ta' Mejju ta' din is-sena*" il-konvenuti jew min minnhom:

(i) imblokkaw l-ispiera billi għamlu pjanċi tal-ħadid jew metall ieħor[4] b'mod li la huma u lanqas Joseph u Anthony Camilleri ma jistgħu jtellgħu ilma; kif ukoll

(ii) għalqu l-entratura tal-mina li tagħti għal din l-ispiera billi waħħlu xatba u katnazz.[5]

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-qorti</u>**

*Il-preġudizzjali mqajma mill-atturi: in-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-konvenut Pawlu D'Anastas f'dan l-appell*

**29.** Għandhom raġun l-atturi appellati jsostnu li ladarba l-konvenut Pawlu D'Anastas ġie liberat mill-osservanza tal-ġudizzju huwa mankanti l-interess ġuridiku da parti tiegħu sabiex jinterponi dan l-appell. Għaldaqstant dan l-appell, in kwantu interpost minnu bħala appellant, qed jiġi miċħud.

*It-tieni aggravju tal-konvenuti: dwar it-terminu preskrittiv ta' xahrejn*

[4] ir-ritratt fuq il-lemin ta' fol 60 juri close-up tax-xibka li tqegħdet fil-qiegħ tal-ispiera b' mod li timpedixxi lil dak li jkun itella' l-ilma mil-istess spiera.
[5] ir-ritratti a fol 61 u 69 juru kif l-entratura tal-mina ġiet imblukkata permezz ta' xatba tal-ħadid.

**30.** Għall-prattiċita` din il-qorti ser tgħaddi biex tikkonsidra t-tieni aggravju tal-konvenuti qabel l-aggravji l-oħra tagħhom. Fit-tieni aggravju tagħhom huma jilmentaw li l-ewwel Qorti, minkejja li għamlet riferenza għall-insenjament tal-Qorti tal-Appell Superjuri fil-kawża **Arends v. Mizzi** u spjegat li l-prova tax-xahrejn trid dejjem issir mill-atturi, fir-*ratio* tagħha lanqas biss għamlet l-iċken aċċenn dwar jekk l-atturi ġabux prova f'dan is-sens. Fi kwalunkwe każ isostnu li l-atturi effettivament ma pprovawx dan ir-rekwiżit.

**31.** Huma minnu li l-ewwel Qorti naqset li tippronunzja ruħha dwar dan l-element. Sempliċiment osservat illi l-partijiet taw verżjonijiet differenti fir-rigward ta' dan l-element: verżjonijiet li naturalment jaqblu lil dik il-parti li tatha. Għalkemm hija ċċitat minn żewġ sentenzi fir-rigward, sabiex tispjega li f'kawża ta' spoll (i) dan l-element irid jiġi pprovat mill-attur indipendentement minn jekk jitqajjimx bħala eċċezzjoni jew le, u li (ii) it-terminu ta' xahrejn jibda jiddekorri minn meta jseħħ l-ispoll u mhux minn meta l-attur jinduna bih, hija mbagħad m'għaddietx biex tapplika tali insenjament għaċ-ċirkostanzi tal-każ u tikkonkludi jekk dan l-element jirriżulta jew ma jirriżultax. Nonostante dan jidher li kienet tal-fehma li dan l-element effettivament jirriżulta, għaliex kieku ma kienitx tilqa' t-talbiet tal-atturi f'din l-*actio spolii*.

**32.** Din il-qorti fliet bir-reqqa l-provi kollha rilevanti għal din il-kwistjoni tat-terminu ta' xahrejn.

**33.** Jiġi osservat fl-ewwel lok li l-kawża ġiet intavolata mill-atturi fit-28 ta' Lulju 2009 u allura sabiex dan ir-rekwiżit jirriżulta sodisfatt, irid neċessarjament jiġi pprovat li l-imblokkar tal-ispiera u t-twaħħil tax-xatba tal-ħadid mal-entratura tal-mina ma sarux qabel it-28 ta' Mejju 2009.

**34.** Joseph Camilleri[6] (li joqgħod f'*Kikki's Cottage*) xehed illi darba minnhom kien mar itella' l-ilma mill-ispiera li qegħda mad-dar tiegħu u sab li ma setax itella' ilma. Meta kellem lill-konvenut Pawlu D'Anastas dan qallu li Carmelo Muscat kien għamel pjanċa. Kompla jgħid li wara li għadda ftit taż-żmien, "*għal Frar tal-2009 dħalt u neħħejtha jiena*". Spjega li wara li neħħa tali pjanċa irnexxielu jtella' l-ilma, iżda:

> "*għall-ħabta ta' April 2009 erġajt mort biex intella' l-ilma u sibt pjanċa oħra. Erġajt neħħejt it-tieni pjanċa u tellajt l-ilma. Għalhekk ġie stabbilit li kont qlajt il-pjanċa f'żewġ okkażjonijiet*".

**35.** Kompla jgħid li "*għall-aħħar ta' Mejju 2009*" kien induna li l-ispiera ġiet imblokkata għat-tielet darba. Irriżultalu li din id-darba minflok bi pjanċa l-ispiera kienet ġiet imblokkata b'xibka tal-konkos. Għalkemm mar biex ineħħiha (kif għamel fiż-żewġ drabi l-oħra meta kienu tqegħdu l-pjanċi) din id-darba ma setax, għaliex meta pprova jidħol fil-mina li tinsab taħt l-art sab li din kienet magħluqa b'xatba tal-ħadid li kienet

[6] Kontro-eżami ta' Joseph Camilleri 29.05.2014, fol 96-97

maqfula b'katnazz.

**36.** Carmelo Muscat fl-affidavit tiegħu spjega illi huwa jiġi r-raġel ta' bint il-konvenut Pawlu D'Anastas u li beda jaħdem ir-raba wara li dan irtira. Huwa ammetta li kien hu li kien għamel il-pjanċa fl-ispiera (għal darba darbtejn) u li wara li sabha maqlugħa għat-tieni darba reġa' għamilha għat-tielet darba[7] u anke għalaq l-aċċess għall-mina b'xatba:

> "*...mort u xtrajt katnazz u tliet ċappetti sabiex nagħmel grada u ma terġax tinqala' l-pjanċa. Infaqt €24 u xtrajthom mill-ħanut bl-isem M.A.V. Supplies li jinsab l-iMġarr fil-21 ta' April 2009 (Dok CG2[8]).*
>
> "*Jiena waħħalt il-pjanċa u l-ġrada għad-dħul fil-mina bil-katnazz fl-1 ta' Mejju 2009. Jiena ċert minn dina d-data għaliex niftakar li kienet festa. L-għada tajt ċavetta tal-katnazz tal-grada li kont waħħalt lil Carmelo Galea. Wara ftit taż-żmien dan tahieli lura għaliex ma kellux x' jagħmel biha. Ħadd iżjed m'għandu ċavetta tal-grada*".

**37.** Kontro-eżaminat ikkonferma li l-grada għamilha hu, fl-1 ta' Mejju 2009. Spjega li kien għamilha l-garaxx: "*sibt ħadida msadda u għamilt il-grada*".

**38.** Il-konvenut Joseph Galea fl-affidavit tiegħu xehed illi kien ra lil Carmelo Muscat iwaħħal il-grada fid-daħla tal-mina.

> "*Dan kien fil-festa tal-ewwel ta' Mejju. L-għada ġie Karmnu biex jagħtini ċavetta. Jiena ma ħadthiex għax ma kellix bżonnha….Qabel ma telqet is-sinjura[9] kienet talbibtni ċavetta u jiena għidtilha li jiena m'għandix pero` insaqsihom. Jiena għidt b'dan kollu lil Karmnu Muscat u infurmajt lis-sinjura li dan ma riedx jagħtiha ċavetta*".

---

[7] għall-preċiżjoni għandu jingħad li fil-fatt it-tielet darba imblokka l-ispiera b'xibka u mhux bi pjanċa
[8] Dok CG2 (riċevuti) fol 101
[9] Is-sinjura Victoria Tabone

**39.** L-attriċi Victoria Tabone xehdet illi l-kwistjoni bdiet fl-aħħar ta' Mejju 2009 meta Grace Camilleri informatha li l-ispiera kienet ġiet imblokkata bi pjanċa tal-ħadid. Dwar il-mina qalet li f'April 2009 kienet daħlet fil-mina flimkien ma' espert tal-ilma li kien qed jagħmel studju fuq "*underground water sources*" u kien informaha li kellu jerġa' jmur b'robot u jagħmel studju bih.

**40.** Qalet li l-konvenut Joseph Galea, "*fl-aħħar qabel ma tlaqna, f'Mejju qalilna li issa għamilna xatba…*" u li qalilha li kien ser iġibilha ċavetta, iżda meta kellem lill-oħrajn dawn ma riedux ituhielu.

**41.** Kompliet tgħid li:

> "*Fl-aħħar ta' Mejju, il-31, inżilna u tkellimt m'oħti u għidtilha biex tipprova tirranġa ma' Carmelo bil-kelma t-tajba, u qalilha li ser iġibilha ċ-ċavetta għax ma kienitx fuqu, reġgħet telgħet u qalilha li ser itihielha bil-patt u l-kundizzjoni li tagħtihiex l-oħtok li naħbat jien. Qalilha wkoll illi ma tahilhiex għax imbagħad tmur ittiha lil Grace*".

**42.** Kontro-eżaminata[10] qalet li l-espert tal-ilma kien daħal fil-mina f'Jannar 2009. Dwar il-pjanċa li timblokka l-ispiera[11] qalet li din kien qalilha biha Joseph Camilleri. Dwar ix-xatba li timblokka l-mina qalet li din kien qalilha biha l-konvenut Joseph Galea:

[10] Kontro-eżami ta' Victoria Tabone tas-27.05.2013, fol 88-90
[11] jidher li fil-fatt qed tirreferi għax-xibka mhux għall-pjanċa

"*on the last day that we were leaving, qalli li kien ser jagħmel il-gate*[12]*. Għidtlu li ma għandkomx dritt tagħmlu gate u se mai ġibli ċavetta u staqsejtu min kellu ċ-ċwievet u qalli li kienu Carmelo Galea u Pawlu l-lus, Carmelo Muscat għandu ċ-ċwievet*".

**43.** Anthony Tabone (ir-raġel tal-attriċi Victoria Tabone) fl-affidavit tiegħu[13] xehed illi "*għall-aħħar ta' Mejju 2009*" Joseph Galea kien informa lilu u lil martu li kienu daħlu fil-mina li tiġi taħt l-ispiera in kwistjoni u qegħdu xibka fil-qiegħ tal-ispiera.

"*Reġa' ġie Joseph Galea wara ftit, imma fl-aħħar jiem ta' Mejju 2009 u qalli illi għamlu grada fil-bokka tal-mina ta' taħt l-ispiera. Jiena tlabtu ċavetta u qalli 'issa insaqsihom biex jagħtuk waħda'. Meta wara jiena tlabtu ċ-ċavetta huwa qalli 'ma jridux jagħtuhielek u jekk ikollkom bżonn tidħlu staqsu lilna'*".

**44.** Minn din ix-xhieda din il-qorti ma tistax tasal biex tikkonkludi jekk l-azzjoni saritx *entro termine* jew le. Dak li jirriżulta hu li għall-aħħar ta' Mejju 2009 l-atturi kienu ġew informati bl-eżistenza tax-xibka fl-ispiera u tax-xatba li timblokka l-mina.

**45.** Anke kieku din il-qorti kellha tiskarta għal kollox il-verżjoni tax-xhud Carmelo Muscat (fejn qal li kien qiegħed ix-xibka li timblokka l-ispiera u waħħal ix-xatba li tagħlaq l-aċċess għall-mina fl-1 ta' Mejju 2009) u wkoll dik tal-konvenut Joseph Galea (fejn qal li effettivament ra lil Carmelo Muscat iwaħħal ix-xatba fl-1 ta Mejju 2009) u toqgħod biss

12 Fil-fatt jidher li x-xatba effettivament kienet diġa saret meta mar ikellimha Joseph Galea : dan qed jingħad mhux biss minħabba li Victoria Tabone kompliet tispjega li kien hemm diskors mal-istess Galea fuq min kellu ċ-ċwievet tax-xatba, iżda għaliex anke mix-xiehda ta' Joseph Camilleri u ta' Anthony Tabone stess (xhieda tal-atturi) jirriżulta li f' dak iż-żmien ix-xatba kienet diġa saret

13 Affidavit ta' Anthony Tabone, fol 73-74

fuq il-verżjoni tal-atturi, jibqa' l-fatt li l-istess atturi ma pprovawx meta ġew kommessi l-atti li minnhom jilmentaw.

**46.** L-atturi saħansitra lanqas biss ressqu prova tad-data eżatta ta' meta saru jafu bl-eżistenza tal-imsemmija atti. Fil-fatt anke kieku kellu jitqies li l-atti spoljattivi innifshom saru fl-istess żmien li ġew informati bihom: cioe` "*Għall-aħħar ta' Mejju 2009*", "*fl-aħħar jiem ta' Mejju 2009*" (kif isostnu l-atturi appellati fir-risposta tal-appell tagħhom) dan ukoll ma kienx ikun biżżejjed, għaliex tali frazijiet jirreferu għal data approssimattiva, u ladarba l-kawża saret fit-28 ta' Lulju 2009, ġurnata jew oħra fl-aħħar ta' Mejju tagħmel id-differenza kollha.

**47.** F'dan ir-rigward issir riferenza għall-insenjament ta' din il-qorti fil-kawża fl-ismijiet: **Anthony Tabone pro et nomine v. Joseph Bianco**[14] fejn ġie ritenut li:

> "*…f'kawża ta' spoll mhux biżżejjed li x-xahrejn mill-atti lamentati sal-ftuħ tal-kawża ikunu approssimattivi: irid effettivament jirriżulta li ma skadewx xahrejn*".

**48.** Hekk ukoll f'sentenza oħra ta' din il-qorti fil-kawża fl-ismijiet **Trevor Arends et v. Victoria Mizzi et**[15] (inċidentalment ikkwotata wkoll mill-ewwel Qorti) ġie ritenut li d-data ma tistax tkun approssimattiva meta, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ġurnata 'l hemm jew ġurnata 'l hawn

---

[14] Anthony Tabone pen vs Joseph Bianco, 14/2005 deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fil-25.05.2012

[15] Trevor Arends et vs Victoria Mizzi et, 945/2008, deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fit-13.01.2013

tagħmel id-differenza kollha.

**49.** Fid-dawl ta’ dan kollu, din il-qorti tikkonkludi li t-tieni aggravju tal-konvenuti appellanti huwa fondat u għalhekk mhux il-każ li tikkonsidra l-aggravji l-oħra.

**50.** Għal dawn il-motivi, tilqa’ l-appell tal-konvenuti, tħassar is-sentenza appellata, u tiċħad it-talbiet tal-atturi.

**51.** L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-atturi appellati.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb